

# L-ESPORTAZZJONI TAL-KEMMUN MINN MALTA

**Nazzareno Azzopardi**

**Waqt xogħol ta' restawr fid-dokumenti tal-Qorti tal-Isqof li hemm fil-Kurja, il-Furjana, laqatni dokument li jġib id-data 1640, u intitolat:**

*Conto delle Cumini che furono mandate in Spaga nelle anni 1638 et 39 con le tartani di Patron Antonio Imbert et Bastian Dibarro, Martingala per conto dal Sig Andrea Vassallo et Valerio Maison et Compagnie*

Dan id-dokument hu maqsum f'żewġ partijiet:

1 Parti waħda fiha rendikont ta' spiża ta' vjaġġi mwettqa bejn Malta u Spanja, fejn inġarru tagħbijiet ta' kemmun li nbiegħu bi qligħ sewwa.

2 Parti oħra fiha rakkont tal-kawża kif żvolġiet fil-Qorti msemmija bejn Signor Andrea Vassallo u Signor Valerio Maison et Compagnie.

Waqt li l-ewwel parti tagħti ħjiel fuq il-kummerċ esteru ta' Malta u Għawdex f'dak iż-żmien, it-tieni parti hi kawża fuq nuqqas ta' qbil fuq ftehim kuntrattwali.

Ta' min jinnota li din il-kawża bejn Signor Valerio Maison et Compagnie u sieħbu fin-negozju Signor Andrea Vassallo nqalgħet minħabba li Signor Vassallo approfitta ruħu u żamm xi flus moħbija. Għaldaqstant għażlu li jmorru l-Qorti tal-Isqof ħalli ssolvilhom din il-problema. Importanti li wieħed jinnota li ż-żewġ partijiet qablu li se joqogħdu għal dak li tiddeċiedi l-Qorti permezz tal-Kummissarji tagħha. Kawża bħal din tissejjaħ kawża ta' arbitraġġ.

## INTRODUZZJONI

Matul il-perjodu ta' din il-kawża fil-Qorti tal-Isqof, il-gżejjer Maltin kellhom bħala isqof lill-Eċċellenza Reverendu Michaele Giovanni Balaguer Camarasa, li beda l-episkopat tiegħu fil-25 ta' Marzu 1635.

Dak iż-żmien Malta, fost affarijiet oħra, kienet tesporta regolarment il-**qoton**: dan kien ikun jew **maħluġ** — jiġifieri mnaddaf miż-żerriegħa — jew inkella qoton mhux maħluġ. Barra l-qoton kienet tesporta wkoll il-**kemmun**, u l-**ħlewwa**.

Id-dokument bit-Taljan jagħżel bejn kemmun li jsejjaħlu 'agro' u ieħor li jsejjaħlu 'ħelu'. Bil-Malti, tal-ewwel hu **kemmun** (*Ciminum cyminum*), u tat-tieni hu

**ħlewwa** (*Pinpinella anisum*). Kull sena kienu jinġabru 3,000 qantar kemmun, u 100 qantar ħlewwa, skont kif ikkalkula Gian Frangisk Abela fil-ktieb tiegħu *Melitae Historica*.

L-esportazzjoni kienet inkoraġġita mill-Università tal-Imdina għax kien isir ħlas tajjeb għal dawn iż-żrieragħ li kienu jintużaw bħala mediċina u anke fit-taħwir tal-ikel. Fis-seklu sittax u sbatax, l-erboristerija kienet suġġett li t-tobba kollha kellhom jistudjaw. Din ix-xjenza tal-ħxejjex mediċinali tikkonsisti f'tagħlim fuq l-effett ta' ċerti ħxejjex, u l-estratt tagħhom, fuq ġisem il-bniedem. It-tobba kienu jiktbu r-riċetti lill-ispiżjara, li fihom jgħidulhom kemm għandhom jiżnu grammi ta' fjuri, weraq, zkuk, u għeruq ta' pjanti mediċinali nixfin; kif iħalltuhom flimkien; u wara jqartsuhom f'pakketti żgħar biex jintużaw mill-marid. Il-marid kien jitfa' dawn il-**qratas** ġol-misħun jagħli ħalli l-ħxejjex jerħu s-sustanzi mediċinali fl-ilma, u jixrob din id-duwa. Sal-lum, mill-ħxejjex għadna nimmanifatturaw diversi mediċini li jgħinu fis-saħħa u l-fejqan mill-marid.

Għal liema mard kien jintuża dan il-kemmun? Kien jintuża biex jiftaħ l-aptit u biex jgħin lill-imsaren ibattlu ta' ġo fihom. Il-ħlewwa kienet tintuża biex tneħħi r-riħa tinten minn ġol-ħalq, u xi kotba tal-farmaċija kienu jirrakkomandawha sabiex tingħata lin-nisa li jkunu qed ireddgħu, għax kienet meqjusa li żżid il-ħalib fis-sider tal-omm.

## IT-TKABBIR TAL-KEMMUN

It-tkabbir tal-kemmun kien ferm adattat għal pajjiżna għax il-kemmun hi xitla li ma tridx ħafna ilma u tista' titkabbar fir-raba' bagħli. M'hemmx miktub jekk l-esportazzjoni tal-kemmun kinitx issir minn xi port partikolari ta' Malta jew Għawdex, għax id-dgħajsa li kienet tintuża għal dan il-ġarr, magħrufa bħala tartana, kienet kapaċi tittrakka mqar ma' moll żgħir. In-nisa kellhom sehem kbir fit-tkabbir ta' dawn iż-żrieragħ għax ma kienx hemm bżonn ta' ħafna xogħol manwali ta' strapazz, imma kien hemm bżonn ta' ħafna paċenzja fit-tnaqqija tal-ħaxix ħażin, il-ġbir, u l-mili fl-ixkejjer.

Għaliex Ingħażel il-Qorti tal-Isqof

Minn fost it-tliet qrati li kienu jeżistu dak iż-żmien — dik tal-Gran Mastru, dik tal-Inkwiżitur, u dik tal-Isqof, għażlu l-qorti tal-Isqof għax l-ispejjeż ta' dik il-qorti kienu orħos minn dawk tal-Qorti tal-Gran Mastru. L-Inkwiżizzjoni kellha qorti li kienet tittratta biss każi ta' inkwiet reliġjuż, u mhux każi ta' kummerċ.

## IL-KAWŻA

Il-ftehim li kellhom bejniethom dawn il-kummerċjanti kien ilu sejjer sentejn, u saru diversi vjaġġi bit-tartana, u nġarret kwantità konsiderevoli ta' kemmun. Tul dawn is-sentejn, it-tartana ġarret ħamest elef xkora, b'valur totali ta' 31,000 *moneta di Barcellona*! Kull vjaġġ bit-tartana seta' jkun fih mija u tletin xkora kemmun, li jġibu prezz totali ta' 979 *moneta di Barcellona*; jew inkella setgħu jgħabbu tnejn u disgħin xkora kemmun, b'valur ta' 585 *moneta*, u tlettax-il xkora ħlewwa, b'valur ta' 175 *moneta*. Wieħed jinnota li l-ħlewwa kienet iġġib prezz tajjeb ħafna, għax kien kważi d-doppju tal-prezz tal-kemmun.

L-imprendituri Vassallo u Imbert kienu jixtru l-kemmun dirett mingħand il-bdiewa bi prezz tajjeb. Imbagħad ikun jonqoshom iħallsu wkoll dawn l-ispejjeż għal kull vjaġġ:

Ħlas ta' 61 skud ta' Malta, li kien dritt imħallas lill-Università bħala taxxa.

Ħlas ieħor ta' 15-il skud lin-nies tad-dwana.

Ħlas lill-piżatur, b'total ta' 4 skudi.

Ħlas għall-ġarr tal-ixkejjer fuq l-art sax-xatt, b'total ta' 4 skudi.

Ta' min ifakkar li l-Università ta' Malta kienet il-Gvern tal-Maltin kemm qabel, kif ukoll matul iż-żmien tal-Kavallieri f'Malta. L-Università kienet tinsab l-Imdina, amministrata minn ħakem, u erba' Maltin oħra eletti kull sentejn. Min kien jista' jikkontesta għal dawn il-postijiet? Kienu biss nies magħrufa, jew għax nobbli, jew għax kummerċjanti kbar, li setgħu jikkontestaw u jinħatru bħala kunsilliera.

L-imprendituri msemmija fil-kawża — Sig. Andrea Vassallo u Sig. Antonio Imbert — kellhom żewġ aġenti, wieħed ġewwa Barċellona — Signor Pietro Broca, u ieħor ġewwa Marsilja — Signor Giovanni Rocca. Xogħol l-aġenti kien li jsibu importaturi lesti li jixtru l-kemmun hekk kif jasal. Jidher ukoll li dawn l-aġenti kienu jingħataw ordni sabiex jixtru oġġetti biex jinġarru lejn Malta meta t-tartana tkun ħattet il-kemmun u tkun se tagħmel il-vjaġġ lura lejn Malta. Allura l-imprendituri kienu jaqilgħu l-flus kemm mill-esportazzjoni tal-kemmun, u kemm mill-bejgħ tal-oġġetti li jniżżlu lura magħhom. Xi prodotti kienu jinxtraw minn Barċellona biex jinġiebu Malta u Għawdex dak iż-żmien? Diversi oġġetti — fosthom *acquavite*, ġobon, balal tal-ħadid għall-kanuni, u kalzetti tal-ħarir.

## L-ARBITRAĠĠ

Il-kummissarji appuntati mill-Qorti tal-Isqof biex jiddeċiedu l-qsim tal-qligħ bejn il-partijiet kienu: Geo. Andrea Francesco [*sic*] u Benedico Cambianco. Dawn ġew aċċettati mill-kontestanti li ftiehmu minn qabel li se jobdu kull deċiżjoni li tittieħed.

Wara studju bir-reqqa fuq il-kotba tal-merkanzija ppreżentati fil-qorti, u wara s-smigħ tax-xhieda, iż-żewġ kummissarji qatgħu li minn somma ta' 3,100 dħul għandhom jinqatgħu l-ispejjeż tax-xiri tal-kemmun, il-ħlas lis-sidien tat-tartana għall-vjaġġi, it-taxxa tal-Università u tad-dwana, kif ukoll l-ispejjeż tal-ġarr fuq l-art, u l-ispejjeż tal-piżatur. Milli jibqa' jsir il-qsim.

Iż-żewġ kummissarji qatgħu li tliet kwarti tal-qligħ kellu jżommu Signor Vassallo, u kwart jingħata lil Signor Imbert et Compagnie. Kemm hu kkalkulat li sar qligħ? Jirriżulta li wara t-tnaqqis tax-xiri tal-kemmun, spejjeż tal-vjaġġ, u taxxi, kien baqa' 2,189 skud. Minn dawn Sig. Vassallo kellu jżomm 1,566 skud, waqt li Sig. Imbert et Compagnie ħa 623 skud bħala *amichelvolmente agiustare le ricavazione di moneta fra di loro*.

Qabel ma tqassmu dawn il-flejjes, il-*Magna Curia Veskovili* naqqset il-ħlasijiet tagħha.

Hekk spiċċat din il-kawża li llum kieku tissejjaħ waħda ta' arbitraġġ, u li llum hemm qorti apposta għaliha, li hi parti mill-Qorti Ċivili.

---

## NOTA TAL-EDITUR

Il-kittieba tal-Istorja ta' pajjiżna donnhom li kollha jaqblu li, tal-anqas f'dawn l-aħħar disa' mitt sena, il-biedja f'Malta ma kinitx tipproduċi biżżejjed qamħ biex titma' l-Maltin u l-Għawdxin kollha għal sena sħiħa; jiġifieri ma kienx ikollna qamħ biżżejjed biex lin-nies iżżommhom b'żaqqhom mimlija s-sena kollha, sakemm jasal il-ħsad li jmiss. Imqar meta l-popolazzjoni kienet żgħira ħafna mqabbla ma' dik tal-lum, Malta kien ikollha ta' kull sena timporta l-qamħ u t-tagħam li kien jonqos biex ikun jista' jiekol kulħadd; u dan il-qamħ kien jiġi impurtat mill-gżira ġara tagħna, Sqallija. Il-qamħ impurtat minn Sqallija ma kienx jiġi b'xejn. Malta kien ikollha tħallas għalih bi flus tajba; u l-flus kienu jiġu mill-esportazzjoni tal-qoton u tal-kemmun (u miegħu nistgħu nżidu l-ħlewwa wkoll, kif għadna kemm qrajna f'dan l-artiklu). Imma l-qoton u l-kemmun kienu jitkabbru f'Malta, allura dan ifisser li l-biedja Maltija u Għawdxija xorta kienet tipproduċi biżżejjed għal kulħadd — jekk mhux biżżejjed qamħ, tal-anqas kienet tipproduċi wċuħ oħra li jagħmlu tajjeb għan-nuqqas ta' qamħ. Meta toqgħod taħseb ftit, din kienet bravura kbira ta' niesna. Għax mhux biss setgħu jimpurtaw it-tagħam u ikel u xorb ieħor bħall-ġobon, l-inbid, u affarijiet oħra li kien jonqos fil-pajjiż, imma setgħu wkoll jagħmlu tajjeb għall-bżonnijiet tad-difiża ta' xtutna, għall-ħlas tas-suldati, jaħsbu għall-għejxien ta' għexieren ta' qassisin u patrijiet li ma kinux jagħmlu xogħol produttiv u, fuq kollox, li jħallsu flejjes kbar fi qbiela u kera; ħafna drabi lil sidien nobbli u barranin li xi kultant lanqas biss kienu jgħixu hawn, imma li baqgħu jaħilbu l-ġid minn Malta u Għawdex għal ħafna snin. Tajjeb jew ħażin, il-bdiewa kienu mhux biss jgħixu huma, imma magħhom kienu jgħajxu wkoll lin-nies tas-sengħa bħan-naġġara, il-mastrudaxxi, il-ħaddieda, kif ukoll it-tobba, l-ispiżjara u n-nutara. Għal ħafna snin dan kollu seta' jsir, fost affarijiet oħra, għax il-Maltin kienu jsiefru l-qoton u l-kemmun biex ibigħuhom 'il barra minn xtutna.

Il-kemmun hu adattat ferm biex jitkabbar f'pajjiżna għax jista' jitkabbar f'raba' bagħli. Fi żmienna, kulma trid tagħmel hu li tiftaħ il-kompjuter, tidħol fl-internet, u ssir taf li l-kemmun, biex jikber sewwa u jokrom, għandu bżonn 'sajf sħun ta' xi tlieta jew erba' xhur.'[1] Jidher li l-bdiewa Maltin abbandunaw it-tkabbir tal-kemmun ftit wara l-aħħar Gwerra Dinjija. Jiġifieri ma jdumx ma jsir tard wisq biex issib bidwi Malti jew Għawdxi li għadu jiftakar il-kemmun fir-raba' tagħna.



**Romblu tal-kemmun. Ħajr lil Karmenu Pace**

1 https://en.wikipedia.org/wiki/Cumin

Alla jaħfirlu, nannuwi Anġlu Gatt kien bidwi full-time, jaħdem ir-raba' li kellu f'post magħruf bħala x-Xerriek li llum jagħmel ma' Marsaxlokk. Illum nannuwi m'għadux magħna, imma missieri, Ġanni Gatt, trabba fir-raba' ma' nannuwi, u t-tagħrif li ġej fuq il-tkabbir tal-kemmun ħadtu (l-aktar) mingħandu. Missieri qalli:

"Il-gwerra meta bdiet? — Mhux f'Ġunju? Meta faqqgħet il-gwerra konna qed innaqqu l-kemmun. Meta l-gwerra baqgħet għaddejja, missieri (jiġifieri n-nannu) qal, 'Issa mhux se jiġu vapuri biex isiefru l-kemmun, u se jibqa' ma' wiċċna.' Allura s-sena ta' wara ma' reġax żera', u meta spiċċat il-gwerra ma reġax twebbel biex jerġa' jibda jkabbru."

Mussolini ddikjara l-gwerra fl-10 ta' Ġunju 1940. Sa ftit sigħat wara kienu diġà waqgħu l-ewwel bombi Taljani fuq Malta. Dak iż-żmien missieri kellu ħmistax-il sena. Jekk f'Ġunju, in-nannu kien qed inaqqi l-kemmun, dak ifisser li l-kemmun kien inżera' ġimgħat jew xhur qabel, jiġifieri f'April jew dħul Mejju. Fl-2005, fil-perjodiku li joħroġ mid-djoċesi t'Għawdex u li jġib l-isem *Il-Ħajja f'Għawdex*, deher artiklu fuq il-kemmun miktub minn Anton F. Attard.[2] F'dan l-artiklu mimli tagħrif interessanti, Attard jgħid li "l-kemmun kien jibda jinżera' minn Jannar, ikompli fi Frar, iżda l-biċċa l-kbira kien jibda jinżera' għall-ħabta tax-xahar ta' Marzu." Anke l-*Calendariu tal Bidwi* li ħarġet is-Societa Agraria fl-1849, ukoll jgħid li l-kemmun jinżera' f'Jannar u Frar, jitnaqqa f'Marzu u "jinġema'" f'Mejju. Missieri ma setax iniżżilha li l-kemmun jinqala' f'Mejju. Insista miegħi li l-kemmun kien jilħaq ferm aktar tard fis-sajf.

Hi kif inhi, jekk kont biħsiebek tiżra' l-kemmun, ridt tibda tipprepara l-art mill-bidu tal-istaġun tal-biedja. Wara l-festa ta' Santu Kruċ, jiġifieri lejn l-aħħar ta' Settembru, ridt taħrat l-għalqa, jekk jista' jkun għal darba darbtejn, ħalli l-ħamrija tinfetaħ u ż-żerriegħa tal-ħaxix ħażin li jkun hemm fiha tinbet mal-ewwel xita. Meta l-ħaxix ħażin jinbet u jikber ftit, u l-art tkun reġgħet ixxuttat mill-ilma, ridt terġa' taħrat għal darb'oħra biex taqla' l-ħaxix ħażin mill-għeruq ħalli teħles minnu qabel ma jagħmel iż-żerriegħa — bit-tama li ma jerġax jinbet. La l-kemmun tkun se tiżirgħu għal April jew dħul Mejju, x'aktarx li kien ikollok tagħmel din il-biċċa xogħol tal-ħrit drabi oħra matul is-sena. Aktar ma taħrat, aktar tneħħi ħaxix selvaġġ mill-ħamrija, il-ħamrija aktar tinfetaħ u titpaħpaħ, l-art tkun aktar kapaċi tilqa' ġo fiha l-ilma tax-xita, u allura aktar iżżomm **tira** — jiġifieri tibqa' niedja għal tul ta' żmien.

Meta jasal żmien iż-żrigħ, tferrex iż-żerriegħa tal-kemmun **bil-keff** mal-għalqa kollha. Tiżra' bil-keff jiġifieri taqbad il-ponnijiet ta' żerriegħa fil-keff (jew pala) t'idek u tferrixha mal-wiċċ tal-ħamrija tal-għalqa li tkun għadek kemm ħratt.

Wara li tagħmel dan ridt **ixxattab** l-għalqa billi tgħaddi minn fuqha b'dik li tissejjaħ **xatba** (tal-biedja). Ix-xatba tkun kif tidher fid-disinn t'hawn taħt u tintuża biex tkisser it-tub, twitti l-ħamrija, u tidfen iż-żerriegħa li tkun għadek kemm xerridt fil-wiċċ. Importanti li twitti l-art sewwa bix-xatba għax dan jgħinek fix-xogħol li se jkollok tagħmel aktar 'il quddiem.



**Xatba tal-bdiewa biex jitkisser t-tub u titwitta l-art**

Il-kemmun ma jridx xita, imma jikber l-aktar billi jerda' mit-tira li jkun hemm fil-ħamrija. Il-ħaxix ħażin, li jibqa' jikber fl-għalqa trid jew ma tridx, ukoll iħobb it-tira; u l-bidwi kien ikollu **jnaqqi** l-ħamrija minn dan il-ħaxix, ħalli s-sustanza tal-art jeħodha l-kemmun, mhux il-ħaxix ħażin. Għal din il-biċċa xogħol dari ridt ħafna sabar, u għaliha kienu jitqabbdu l-aktar in-nisa u t-tfal. Meta l-kemmun ikun ftit pulzieri għoli, kienu jifirxu fuqu xi xkejjer daqsxejn kbar, joqgħodu bilqiegħda mal-art fuq dawn ix-xkejjer, u jnaqqu l-għalqa mill-ħaxix ħażin, pulzier pulzier, bis-swaba' ta' jdejhom, jew b'xi lexxuna żgħira. Ix-xkejjer kienu jifirxuhom fuq l-istess kemmun, għax dan kien ruħu ħoxna biżżejjed biex jiflaħ li xi ħadd joqgħod bilqiegħda fuqu.

Għall-ħabta ta' Ġunju, il-kemmun ikun għadu fir-raba'. F'dawk iż-żminijiet għandha ħabta tagħmel xi ħalba żgħira xita. Din ix-xita l-antiki kienu jafu biha, u tawha isem; jgħidulha 'xita tal-qigħan' għax tagħmel fiż-żmien meta l-bidwi jkun qed jagħmel il-**qiegħa** biex **jidres**. Meta l-art terġa' tinxef wara x-xita, il-ħamrija għandha ħabta trabbi skorċa iebsa — in-naħa t'isfel ta' Malta ġieli kienu jsejħu din l-iskorċa 'grixa'. Skorċa iebsa f'wiċċ il-ħamrija ma tgħinx biex il-kemmun jikber għall-qalbu. Allura kienu jaqbdu **romblu tal-kemmun** (ara l-istampa f'paġna 37) u jirrumblaw l-għalqa bih — jiġifieri jgħaddu minn fuq il-ħamrija bil-kemmun b'kollox. Kif diġà għedna, il-kemmun jiflaħ għal dan l-istrapazz; imma r-romblu ja kienx jinġibed mill-bhejjem, imma mill-istess bidwi, peress li r-romblu ma kienx ikun kbir ħafna. Dawk l-iħinka li jidhru jduru mad-dawra kollha ta' wiċċ ir-romblu qishom xi kamin, kienu kapaċi jifqgħu u jkissru l-iskorċa ħalli l-kemmun jieħu ftit tan-nifs.

Il-kemmun ma kienx jilħaq kollu f'daqqa. Il-bidwi kien iħares lejn l-għalqa u jimmarka dawk ix-xitliet li jkunu

2 Attard, Anton F., "Il-Kemmun", *Il-Ħajja f'Għawdex*. Diċembru 2005, pp. 26, 27.

lesti biex jinġabru. Ix-xitla ma tridx tkun niexfa għalkollox għax inkella ż-żerriegħa tal-kemmun titfarfar u taqa' fil-ħamrija, u minn hemm ma tiġborhiex. Allura l-kemmun kien jinqala' meta jkun għadu ftit aħdar, imma meta, skont l-għajnejn esperti tal-bidwi, ikun laħaq. Il-bidwi kien jitfa' l-faxxina tal-kemmun fi xkora u jġorrha għal fuq xi bejt nadif. Kien jifrex il-faxxina fuq il-bejt u jħalli s-sħana tax-xemx tagħmel tagħha. Minn żmien għal żmien il-bidwi kien **idoqq** il-faxxina tal-kemmun biex iż-żerriegħa tagħha taqa' mal-art u tkun tista' tinġabar. Illum donna nsejna li 'ddoqq' tfisser "tagħti d-daqqiet". Id-daqqaq kien idoqq il-qoton billi jagħti d-daqqiet biċ-ċiek fuq il-**watar** ta' biċċa għodda apposta msejħa lasta. Il-katuba ddoqqha billi tagħti d-daqqiet fuqha bil-bakketta. Il-qanpiena ddoqqha billi tagħti fuqha bl-ilsien, eċċ. Il-kemmun, l-aħjar li ddoqqu hu bil-**midra**.



Żrigħ bil-keff

Il-midra hi aħjar mill-luħ għal din il-biċċa xogħol. Biex iddoqq tajjeb, il-faxxina tal-kemmun trid tqallibha ta' taħt fuq inti u ddoqqha. Il-midra taqdik sewwa għax għandha għamla ta' furkettun u biha tqalleb aħjar. Meta tlesti titfa' l-faxxina fil-ġenb u tiġbor iż-żerriegħa tal-kemmun li tkun waqgħet mal-art. Il-faxxina tħalliha fix-xemx ħalli tkompli tinxef u wara terġa' ddoqqha ħalli jaqa' minnha iktar kemmun.

Biex tkun lesta għas-safar, iż-żerriegħa tal-kemmun li tinġabar minn fuq il-bejt trid terġa' titnaqqa u titnaddaf sew. Anton Attard, fil-kitba tiegħu li semmejna[3], jgħid li "kien hemm każi fejn il-Gvern tal-Istati Uniti tal-Amerika ma riedx iħalli kemmun ta' Malta jidħol f'dak il-pajjiż għax ma kienx imsoffi sewwa." Din mhix xi ħaġa kbira għax il-bdiewa Maltin mhux l-ewwel darba li ġew fl-inkwiet mal-barranin anke fl-esportazzjoni tal-basal u tal-patata. L-ewwel tisfija tal-kemmun kienet tingħata bl-għarbiel. Imma lanqas dan ma kien ikun biżżejjed. Ħafna drabi l-bidwi kien **ilebleb** il-kemmun.

## KIF TLEBLEB

U l-kemmun kif tlebilbu? Taqbad iż-żerriegħa tal-kemmun li tkun qiegħda ġo xi dugħ apposta (landa, barmil, kannestru żgħir, eċċ) u, mill-għoli, terġa' titfa l-kemmun ġo kontenitur ieħor li jkun aktar 'l isfel. Din il-biċċa xogħol trid issir xi mkien barra, meta tkun għaddejja mqar żiffa ħafifa. Il-qxur u l-ħliefa li jkunu żejda jinqabdu mir-riħ, għax ikunu eħfef miż-żerriegħa tal-kemmun, allura jtiru u jerġgħu jaqgħu mal-art ftit 'il bogħod. B'hekk il-kemmun jindaf aktar u jibqa' ż-żerriegħa biss. Il-'qxur u l-ħliefa' li semmejna kellhom isem; kienu jgħidulhom **tfur**. It-tfur hu dak li jaqa' mill-għarbiel, u dak li jtir bir-riħ meta tlebleb il-kemmun. Dari kellna wkoll il-kelma **żwiel** — li hu dak li jibqa' fl-għarbiel meta tgħarbel. L-aħħar li baqgħet tintuża din il-kelma kien fost il-ħaddiema tal-ġebel — iż-żwiel kien dak li jibqa' fl-għarbiel meta jgħarblu x-xaħx. Il-**karfa** hu dak li jibqa' meta tgħarbel u tnaqqi t-tagħam (qamħ, xgħir, eċċ.)

Skont dan l-artiklu f'din il-ħarġa, l-esportaturi tal-kemmun kienu jsifruh lejn Barċellona u Marsilja. Mhux magħruf sewwa x'kien jiġri mill-kemmun esportat minn Malta, u għal xiex kien jintuża. Dr. Azzorpardi jsemmi xi użi għalih. Fi żmienna l-kemmun jintuża l-aktar biex iħawwar l-ikel. Imma t-tagħrif fuq il-kemmun, l-istess bħat-tagħrif fuq il-qoton u l-insiġ, għandu jkun iktar imxerred fostna għax dari dawn l-għelejjel kienu indispensabbli biex missirijietna jkunu jistgħu jibqgħu jgħixu f'Malta.



Il-midra

3 Attard, Anton F., "Il-Kemmun", *Il-Ħajja f'Għawdex*. Diċembru 2005, p. 27.